# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Marzu 2019.**

**Numru 11**

**Rikors numru 323/14AF**

**Roland Darmanin Kissaun u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2014, il-Qorti laqghet it-talba biex l-atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Maria Dolores Darmanin Kissaun, u dan stante l-mewt ta' Roland Darmanin Kissaun**

**v.**

**Global Capital Financial Management Limited (C30053)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat li ressaq l-attur fil-15 ta' April 2014 u li jaqra hekk:

"1. Illi r-rikorrent kellu relazzjoni ta' professjonist – klijent mas-socjeta' intimata minn nofs is-sena 2007, anke il-ghaliex il-GlobalCapital Management Ltd kellha l-ufficcji taghha fil-Gzira u Ta' Xbiex ferm qrib tal-ufficcju tar-rikorrent f'Ta' Xbiex;

"Illi fi Lulju tal-2007 ir-rikorrent kien investa €38,400 (tmienja u tletin elf u erba' mitt Ewro) fil-prodott bl-isem ta' Aberdeen Global Euro High Yield Bond Fund fuq parir tas-socjeta' intimata, prodott li jikkonsisti f'fond ta' investiment kollettiv mhux kumpless, dwar liema investiment ir-rikorrent ma qiegħed javvanza l-ebda lment;

"Illi f'Lulju tal-2008, rapprezentant tas-socjeta' intimata, certu Jesmond Mangion, mar bla ma kien mistieden fl-ufficcju tar-rikorrent fi Triq Giuseppe Cali, Ta' Xbiex, u irrakkomanda lir-rikorrent biex ipoggi flus fil-prodott "*flagship*" li l-istess socjeta' intimata kienet f'dak iz-zmien qieghda tmexxi u "*ddahhal lil hafna klijenti*", jigifieri fis-Secure Income Bonds, liema prodott – dejjem skond is-sur Mangion – kien maqtugh ghal persuni bhar-rikorrent;

"Illi r-rikorrent illum huwa infurmat li dan l-*advisor* li gie assenjat lir-rikorrenti mis-socjeta' intimata – Jesmond Mangion - lanqas kellu l-awtorizazzjoni tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") biex ikun jista' jaghti pariri ta' investiment;

"Illi fl-1 t'Awwissu 2008, is-Sur Mangion mela formola – dokument mehmux u mmarkat <u>Dokument A</u> - taht titlu "*Part 1. KYC Individuals*", fejn fiha fil-fatt jirrizulta li r-rikorrent ma kellu l-ebda esperjenza f'*portfolio investiments* u la kellu *bonds* u *shares* lokali jew barranin ghajr ghall-investiment fi Aberdeen Global European High Yield Bond Fund diga' msemmi; [1] illi jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien specifika fl-istess formularju illi "*I am very cautious and do not want to take unnecessary risks*"; [2]

"Illi fl-istess formularju, taht "*type of service the client is registering for*" tnizzlet *"Promotion and Selling*" li ad insaputa tar-rikorrent, is-socjeta' intimata kienet qed tifhem li b'din l-istrategija formali setghet tevita r-responsabilta' tal-pariri li kienet qed taghti lir-rikorrent meta tkun hekk induciet lir-rikorrent jiffirma dokument li jistqarr li fil-provvista ta' dan is-servizz is-socjeta' intimata kienet "*limiting itself to providing information on products and arranging deals without providing any investment advice nor recommendations to the client*"; [3]

"Illi a bazi tal-parir li nghata mis-socjeta' intimata, ir-rikorrent ghazel li jinvesti €49,990.92 (disgha u erbghin elf, disa' mija u disghin Ewro u tnejn u disghin centezmu) fil-Lifemark SA Secure Income Bond, Issue 3, kif juri dokument b'titlu "*File Note – Lifemark SA Secure Income Bond Issue 3*" tal-istess gurnata, mehmuz u mmarkat <u>Dokument B</u>; il-*Purchase Contract Note*, <u>Dokument C</u> – ghalkemm b'data tat-12 ta' Settembru 2008 – wkoll tikkonferma dan l-investiment;

[1] Ara Dokument A, pagna 6
[2] Ara Dokument A, pagna 7
[3] Ara Dokument A, pagna 3

"Illi anqas minn xahrejn wara, jigifieri fid-19 ta' Settembru 2008, l-istess Jesmond Mangion rega' mar ghand ir-rikorrent biex jipperswadih ipoggi izjed flus fl-istess Lifemark SA Secure Income Bond, izda din id-darba fi Issue 4; f'din l-okkazjoni, kuntrarjament ghal kaz ta' qabel, il-formularju [4] intela' korrettament u konsistentament mal-parir li nghata mill-istess socjeta' intimata, bhala transazzjoni "*advisory*", u kif juri dokument b'titlu "*File Note – Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4*" tal-istess gurnata, mehmuz u mmarkat Dokument D, ir-rikorrent din id-darba investa s-somma ta' €40,000 (erbghin elf Ewro); il-*Purchase Contract Note* relattiva, datata 31 t'Ottubru 2008, mehmuza u mmarkata Dokument E, tikkonferma dan wkoll;

"Illi jrid jinghad li ghalkemm f'dan id-Dokument D, il-firma bhala *Financial Planning Manager* hija ta' certa Erika Caruana, ir-rikorrent jistqarr li hu qatt ma ltaqa' ma' din il-persuna izda biss ma' Jesmond Mangion;

"Illi l-ewwel suspett li qam f'mohh ir-rikorrenti li l-affarijiet ma kienux sejrin tajjeb kien meta rcieva notifika li il-Lifemark SA waqfet thallas l-imghax fuq is-*securities* kollha taghha, inkluz kemm dak ta' Issue 3 kif ukoll ta' Issue 4, li fihom gew investiti l-flus tar-rikorrenti. Ftit aktar tard, ir-rikorrenti beda wkoll jircievi xi circulari ta' *"corporate action"* li tirrigwarda "*restructuring"*, u dawn kien jircevihom xi drabi minn ghand is-socjeta' intimata, u gieli minn ghand xi funzjonarju tal-Lifemark, bhal per ezempju s-socjeta' Ingliza Cavendish. Il-konferma tal-falliment ta' dan l-investiment, ir-rikorrent sar jaf biha meta f'Lulju tal-2012 mar ha parir minn ghand *financial advisor* indipendenti u licenzjat u li ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan l-investiment;

"2. Illi Keydata Investment Services Ltd u Keydata International Limited kienu kumpanniji registrati u li joperaw fir-Renju Unit u kienu promoturi, distributuri u l-manolunga tal-kumpannija registrata gewwa l-Lussemburgu Lifemark SA;

"Illi Lifemark Secure Income Bonds Issue 3 u Issue 4, suggett ta' din il-kawza, inxtraw mis-socjeta' intimata permezz ta' Keydata;

"Illi skont dokument mahrug mill-*House of Commons* tal-Ingilterra "*provided to Members of Parliament in support of their parliamentary duties*", fit-8 ta' Gunju 2009 Keydata tpoggiet f'amministrazzjoni minhabba insolvenza fuq talba lil Qorti mill-*Financial Services Authority* tar-Renju Unit meta din tal-ahhar skopriet illi "*it had mis-sold its products"* u sussegwentament l-amministraturi, PricewaterhouseCoopers sabu, *inter alia*, illi *"they*

[4] Ara Dokument D datat 19 ta' Settembru 2008

*had been unable to satisfy themselves as to the safe custody of the underlying assets"* u li *"the assets may have been misappropriated";*

"Illi skont l-istess dokument tal-*House of Commons* intqal illi *"a source close to the firm disclosed that the Financial Services Authority was engaged in close scrutiny of the business last year ... The Financial Services Authority had been there for weeks and weeks last year",* b'referenza ghas-sena 2008;

"Illi fit-23 ta' Jannar 2010, il-Lifemark SA waqfet thallas l-imghax fuq is-*securities* kollha taghha, inkluz kemm dak ta' *Issue* 3 kif ukoll ta' *Issue* 4 li fihom gew investiti l-flus tar-rikorrenti;

"Illi fil-5 ta' Marzu 2010, ir-regolatur tal-prodotti imsemmija fil-Lussemburgu kien qabbad amministraturi biex jiehdu f'idejhom il-management tal-kumpannija Lifemark SA;

"Illi fil-10 ta' Marzu 2011, Lifemark SA avzat lil investituri illi "*as from 10 March 2011 all payments of principal on all the Bonds of each Series will be suspended and the Issuer will make no payments of principal on the Bonds of any Series until further notice*";

"Illi fid-19 ta' Settembru 2012, inbeda process legali maghruf bhala *enforcement process* bl-iskop li jigi mibjugh l-attiv tal-Lifemark SA u possibilment jippermetti xi hlas lura lil investituri;

"Illi mhux mistenni li fl-ahhar mill-ahhar dan l-investiment jithallas lura aktar minn percentwali zghira tal-kapital li thallas, u dan qed jinghad a bazi ta' dak li qal it-Trustee ta' Lifemark SA innifsu f'dokument datat Mejju 2013, <u>Dokument I.i</u>, meta jinghad:

> *"Based on current information it is expected that the total eventual returns to Bondholders will be approximately 12% to 15% of the nominal amount of the bonds (or capital invested) which will be returned over a number of distributions*";

"Illi aktar ricenti, jigifieri f'Novembru tal-2013, ir-rikorrent ircieva pagament akkont pro rata li kien qed jithallas mit-*Trustee* fl-Ingilterra fis-somma ta' €4,249.23 u €3,400; ara <u>Dokument J</u> b'kopja tac-cekkijiet migbudin mill-Global Capital Management Ltd fuq il-*Clients Account* taghhom;

"Illi it-*Trustee* f'*Bondholder Notice* datat Novembru 2013 – <u>Dokument I.ii</u> – jerga' jirribadixxi illi il-vari distribuzzjonijiet li ser jithallsu ser jammontaw ghal bejn 12% u 15% tal-valur nominali tal-*bonds*;

"3. Illi kif inghad qabel is-socjeta' intimata kienet ben konxja li l-attitudni tar-rikorrent dwar ir-riskju fl-investiment kienet wahda favur riskju

baxx u fil-fatt ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata ha nota f'<u>Dokument A</u> ta' dan il-fatt;

"Illi s-socjeta' intimata kienet taf ukoll li ghalkemm ir-rikorrent qieghed fin-negozju tas-*shipping* u servizzi ta' *yacht chartering*, it-taghrif u l-esperjenza tieghu f'investiment portfoll kienet prattikament inezistenti hlief ghal investiment fi prodott semplici u mhux kumpless li r-rikorrent kien ghamel qabel l-investiment fil-Lifemark suggett ta' din il-kawza;

"Illi minkejja dawn ic-cirkostanzi, r-rikorrenti ma jistax jifhem kif is-socjeta' intimata investiet flusu fi prodotti komplessi tal-istess natura, jigifieri fis-suq ta' *traded life insurances,* b'riskju elevat u li ma setghux jigu kkunsidrati bhala "*suitable"* u / jew "*appropriate*" kif it-termini jinftiehmu skond it-teknika u s-sengha tal-*investment services* li kieku it-testijiet ta' "*suitability*" u "*appropriateness*" saru b'mod diligenti u meqjus kif jitolbu r-Regoli tal-Investiment tal-MFSA;

"Illi di piu' il-prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata lir-rikorrenti huma ikkunsidrati bhala "*komplessi*" mill-kumitat tar-regolaturi tal-Unjoni Ewropeja, il-*Committe of European Securities Regulators* tal-Unjoni Ewropeja, meta dan interpreta awtorevolment id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva Ewropeja vigenti fil-kaz ta' din il-kawza, id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropeja 2004/39/EC (MiFID) ta' Novembru 2007;

"Illi mill-gdid, b'mod simili, ir-rikorrenti kien klijent "*retail*" u mhux professjonali jew ta' esperjenza fil-qasam tal-investimenti u li ghalhekk kien jehtieg l-ghola livell ta' kura u protezzjoni; Illi fil-fatt kienet l-istess socjeta' intimata li kklassifikat lir-rikorrenti bhala *Retail Client* meta dahlet fis-sehh id-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropeja 2004/39/EC (MiFID) f' Novembru 2007;

"Illi konferma tar-riskji gholjin ta' dawn il-prodotti tohrog anke minn *Media Release* tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ("MFSA") fil-11 ta' Frar 2009 kif ukoll fit-13 ta' Novembru 2009 fil-forma ta' twissija fuq il-*web site* ufficjali taghha kif ukoll fuq il-gazzetti bil-Malti u bl-Ingliz u li qed tigi mehmuza bhala <u>Dokument N</u>; fost l-ohrajn, l-MFSA tghid hekk dwar dawn il-prodotti bhal ma huma l-Lifemark SA Secure Income Bonds mibjugha lir-rikorrenti:

> *"The Malta Financial Services Authority has come across local media adverts, reports and product documentation about investments in "bonds" or "fund accounts" whose performance is linked to assets such as life insurance policies or currencies (referred to as asset-backed investments). <u>By their very nature, these investments are not easy to understand.</u>*

> *"Despite the fact that they may be promoted as "alternative" to traditional or conventional investments, these are investment opportunities which involve substantial risks, in particular liquidity risks, whereby the investor may be unable to sell his investment.*
>
> *"Although the MFSA has addressed its concerns directly with the financial entities which are promoting these products, investors should be extremely vigilant before committing their monies to these investments and should make sure that they have read and understood the product documentation given to them prior to any potential investments. Investors who are unable to understand the documentation should not buy these investments.*
>
> ***"Consumers should be aware that the characteristics of these products make them unsuitable for unsophisticated investors. These products are generally considered appropriate for investors who have the experience and knowledge to understand how these financial instruments work and can afford to take the relevant related risks".***

"Illi ghahekk kien evidenti, jew suppost kien evidenti, ghas-socjeta' intimata sa mill-bidu nett li dak li kien adattat ghar-rikorrenti kienu prodotti ta' investiment b'riskju baxx u kawt kif kien idonju ghalih ghaliex ir-rikorrenti ma kienx f'pozizzjoni li jidhol ghal riskju gholi, anzi spekulattiv, assocjat mal-investimenti li huwa gie fil-fatt indott jakkwistaw mill-*advisors* tal-kumpannija intimata. Dawn l-istess investimenti ma kienux xierqa u idoneji ghar-rikorrenti skont ma jipprovdu r-regoli tal-MFSA, specjalment l-*Investment Services Regulations* li bdew japplikaw minn wara li dahlet fis-sehh id-Direttiva MiFID tal-Unjoni Ewropeja f'Novembru 2007;

"4. Illi kemm fil kaz tal-Lifemark SA Issue 3 kif ukoll Issue 4, il-*Purchase Contract Notes*, Dokumenti C u E annessi ma' dan ir-Rikors Promotur, ma jurux *commissions* li gew iccargjati direttament minn Globe, anzi b'mod pozittiv jistqarru li dawn huma "0.00". Evidentament, is-socjeta' intimata, u possibilment l-*advisor* jew ir-rapprezentant tas-socjeta' intimata, kienet tircievi *return commission* jew *broker commission* minn ghand is-socjeta' emettrici tal-prodott jew xi socjeta' intermedjarja ohra

"Illi, anke kif jinghad f'Paragrafu 7 ta' dan ir-Rikors Promotur, fid-Dokument B u Dokument D, it-tnejn taht it-titlu ta' *"File Note",* tinstab dikjarazzjoni li ttiehdet minn ghand ir-rikorrenti mis-socjeta' intimata li tinstab lejn il-parti tan-nofs ta' Paragrafu 5, *Client Confirmations*, li tghid:

*"I / We confirm that I / We have been given an explanation on the difference between buying (offer) and selling (bid) prices, together with any management charges and brokers commissions on buying / selling (where appropriate) explained to me / us*".

"Illi r-rikorrenti jiddikjara li huwa qatt ma kellu xi spjega bhal din;

"Illi r-rikorrenti huwa tal-fehma li dikjarazzjoni bhal din ittiehdet minn ghand ir-rikorrenti biex b'mod zleali, qarrieqi u doluz, u bi ksur tal-ligijiet imsemmija, min ghalihom jippruvaw ikopru ruhhom mill-obbligazzjonijiet imposti fuqhom mid-Direttiva Ewropeja MiFID u mir-Regoli u *Standard Licence Conditions* tal-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta taht it-titlu "*2. Conduct of Business Obligations"*, kif ukoll "3*. Disclosure Requirements for Information to Clients, including Marketing Communications*", kif applikabbli fiz-zmien meta nbieghu il-prodotti Lifemark.

"Illi minkejja li ttiehdet din id-dikjarazzjoni b'qerq minn ghand ir-rikorrenti, oltre l-fatt li mhuwiex minnu li nghataw din l-informazzjoni, din l-informazzjoni kellha tkun bil-miktub, haga li s-socjeta' intimata naqset li taghmel kif mitlub mir-Regoli mandatorji tal-MFSA;

"5. Illi l-kumpannija intimata gabet ruhha b'mod zlejali, ingust u qarrieqi fil-konfront tar-rikorrenti u dan fost affarijiet ohra billi r-rapprezentant taghha qatt ma spjega, jew assigura ruhu illi r-rikorrenti fehem, r-riskji li jgorru l-prodotti ta' investiment suriferiti, u addirittura zgwida lir-rikorrenti dwar in-natura, riskji u karatteristici tal-istess investimenti u dan fost affarijiet ohra billi ddeskriva dawn il-prodotti – kemm b'mod orali kif ukoll billi ddistribwixxa *brochures* tal-prodotti [5] - bhala zguri u l-ahjar fis-suq u l-aktar idonji ghalih;

"Illi l-*Product Brochure* tal-Keydata International fir-rigward tal-Lifemark Secure Income Bond, *Issue 3* kif ukoll *Issue 4,* distribwit lir-rikorrenti mis-socjeta' intimita u mehmuzin u mmarkati ma' dan ir-Rikors Guramentat <u>Dokument P.(i)</u> u <u>Dokument P.(ii),</u> lkoll jaghtu deskrizzjoni illi ma tistax ma tinftiehemx mill "*konsumatur medju*" [6] li l-prodott ghandu l-kapital garantit u li huwa prodott ta' riskju baxx;

"6. Illi s-socjeta' intimata bieghet dawn il-prodotti rizultat ta' nuqqas ta' diligenza meta kien evidenti li r-rikorrenti ma kellu l-ebda esperjenza fi transazzjonijiet fi fondi li kienu jikkonsistu, jew li kellhom profil ta' riskju simili, ghal dak li kienu jinvestu fihom il-Lifemark SA Secure Investment Bonds, u li ma kienux in sintonija mal-profil ta' riskju dikjarat mir-rikorrenti lis-socjeta' intimata;

[5] Ara wkoll Para 7.iv ta' dan ir-Rikors Guramentat
[6] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 51(C)(b)

"Illi s-socjeta' intimata, rizultat ta' traskuragni u negligenza grossolana (*culpa lata*), naqset mit-twettieq tal-inkarigu kontrattwali moghti lilha mill-attur esponenti;

"Illi s-socjeta' intimata mxiet b'nuqqas ta' hila u sengha fil-qadi tal-obbligazzjonijiet ta' *Investment Services Provider* licenzjat u professjonali, u fl-*istandard of care and duty* mistenni skond il-ligi minn tali *Investment Services Provider* professjonali u licenzjat ai termini tal-Att dwar l-Awtorita' ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Kap 330 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-Att dwar is-Servizzi ta' Investiment (Kap 370) u r-Regoli mahruga mill-Awtorita' skond Artikolu 6(2)(b) tal-istess Att;

"Illi dan l-istess obbligu ta' *due diligence* johrog ukoll mill-obbligi mitluba minn fidjucjarju (bhal ma hi l-istess socjeta' intimata) skond Artikolu 1124(A) tal-Kodici Civili fejn il-ligi titlob li l-qadi ta' tali dmirijiet irid ikun b'mod onest, bl-akbar *bona fide* u li d-diligenza mitluba hija ta' *bonus paterfamilias*;

"Illi dan in-nuqqas ta' *due diligence* mis-socjeta' intimata versu l-esponenti konsumatur sar ukoll bi ksur ta' dak li jitlob statutorjament l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta) f'Taqsima VII u specifikament fi Artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E dwar prattici kummercjali mhux gusti. L-applikabilita' ta' dawn l-Artikoli ghall-kaz odjern ser tigi spjegata wkoll aktar 'l quddiem f'dan ir-Rikors Guramentat;

"7. Illi l-kumpannija intimata kompliet iggib ruhha b'ingann u b'mod zlejali, qarrieqi u doluz u illegali fil-konfront tar-rikorrenti meta l-*Financial Planning Advisor* tal-kumpannija intimata ingannatu billi f'kull kaz haditlu l-firma tieghu ghal dikjarazzjonijiet kontenuti fid-dokument taht titlu ta' *File Note – Lifemark SA Secure Income Bond*, kif ser jigi kkwotat *verbatim:*

*"Client Confirmations:*

*- I/we confirm that I/we do not require a copy of this document unless I/we otherwise notify.*

*- I/we confirm that I/we have received the Brochures, Copy of Prospectus, Latest Annual Report in respect of the above products.*

*- I/we confirm that the features of the above products have been explained to me/us".*

*- I/we confirm that we have been given an explanation on the difference between buying (offer) and selling (bid) prices, together with any management charges and brokers*

*commissions on buying / selling (where appropriate) explained to me / us".*

U fil-kaz ta' Secure Income Bond Issue 3 biss:

*"I / we confirm that I / we have been provided with a range of opportunities, in addition to an explanation of the feature of the product/s and further confirm that no invesment advice was given to me / us. I / We confirm that unless otherwise notified, I / We shall not require the services of an Authorised Advisor.*

"Illi dan t'hawn fuq qed jinghad, *inter alia* a tenur:

"i. tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikoli 974 u 981;

"ii. tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 1124A(4)(a), u dana peress illi l-kumpannija intimata ottjeniet dikjarazzjonijiet mir-rikorrenti li huma palezament u manifestament mhux vera u in *mala fede* u a skapitu tar-rikorrenti versu liema kellha fuq kollox id-dmir tal-*bonus paterfamilias* bhala fiducjarji;

"iii. tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligjiet ta' Malta, b'espressjonijiet mhux gusti u pprojbiti ai termini ta' Taqsima VI tal-Att, u specifikament tal-Artikoli 44 , 45, 46 u 47;

"Illi s-socjeta' intimata approfittat ruhha minn nuqqas ta' taghrif u esperjenza tar-rikorrenti billi ttiehditlu firma ghal dikjarazzjonijiet u kundizzjonijiet ta' liema ma seta' qatt jifhem il-portata, anke' minhabba l-fatt li dawn id-dikjarazzjonijiet u kondizzjonijiet kienu jikkonsistu f'espressjonijiet li, "*kollha jew uhud minnhom*", ma kienux miktuba "*b'lingwa kif ordinarjament mitkellma u intelligibbli li tista' tiftiehem mill-konsumaturi li l-kuntratt kien indirizzat lejhom*"; [7]

"Illi dawn id-dikjarazzjonijiet u kondizzjonijiet kellhom l-ghan ewlieni li *"jeskludu jew jillimataw ir-responsabilta' ta' kummercjant minhabba fil-frodi jew in-negligenza gravi tieghu nnifsu jew dik ta' l-impjegati jew l-agenti tieghu",* [8] jew li "*jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali ta' konsumatur kontra l-kummercjant fil-kaz ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta' twettiq inadegwat mill-kummercjant tal-obbligazzjonijiet kontrattwali tieghu";* [9]

"iv. tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, bi prattici kummercjali mhux gusti u qarrieqa, b'nuqqas ta' diligenza professjonali, b'influwenza mhux xierqa u bl-isfruttament ta' pozizzjoni ta' poter minn naha tas-socjeta' intimata fil-konfront tal-esponenti bhala

[7] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 47(1)
[8] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 44(2)(a)
[9] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 44(2)(b)

konsumatur ai termini ta' Taqsima VII tal-istess Att, u allura Artikoli 51A , 51B, 51C, 51D u 51E tal-istess Att;

"Illi l-kumpannija intimata gabet ruhha b'mod "*zlejali, ingust u qarrieqi*" fil-konfront tal-esponenti ghal aktar minn raguni wahda, u dana:

"mhux biss ghaliex ir-rapprezentant taghha qatt ma spjega, jew assigura ruhu illi l-esponenti fehmu, r-riskji li jgorru il-prodotti ta' investiment suriferiti;

"mhux biss ghaliex is-socjeta' intimata u r-rapprezentanti taghha addirittura zgwidaw lill-esponenti dwar in-natura, riskji u karatteristici tal-istess investimenti u dan fost affarijiet ohra billi ddeskrivew dawn il-prodotti bhala zguri u l-ahjar fis-suq u l-aktar idonji ghalihom;

"izda wkoll ghaliex – kif diga' ntqal f'Paragrafu 5 ta' dan ir-Rikors - is-socjeta' intimata u r-rapprezentanti taghha ddistribwew lill-esponenti materjal ta' *marketing u brochures* ghal prodotti suggett ta' din il-kawza – li kif ser jintwera fil-kors tas-smiegh tax-xhieda u jigi ppruvat fil-kors tal-kawza - ma jistax ma jigix kkunsidrat bhala li jikkostitwixxi "*prattici kummercjali mhux gusti*" u "*deskrizzjonijiet qarrieqa"* meta dan il-materjal pubblicitarju jaghti f'okkazjonijiet deskrizzjoni esplicita, u f'okkazjonijiet ohra implikazzjoni cara, u li ma tistax ma tinftiehemx mill "*konsumatur medju*", [10] li l-prodott ghandu l-kapital garantit u li huwa prodott ta' riskju baxx;

"Illi Taqsima VII, Prattici Kummercjali mhux Gusti, Artikolu 51C, li jittratta deskrizzjonijiet qarrieqa, tipprovdi illi "p*rattika kummercjali ghandha titqies bhala qarrieqa jekk (b) b'xi mod, ukoll bil-prezentazzjoni totali taghha, tqarraq bil-konsumatur medju, ukoll jekk it-taghrif ikun korrett fattwalment, fir-rigward ta' wiehed jew iktar mill-elementi li gejjin, u li f'kull kaz iggieghlu jew x'aktarx iggieghlu jiehu decizjoni transazzjonali li ma kienx jiehu f'cirkostanzi ohra*";

"Illi l-kumpannija intimata hija ben konxja li kull wahda minn dawn id-dikjarazzjonijiet ottenuti mir-rikorrenti huma palezament u manifestament mhux vera u allura bilfors li ttiehdu in *mala fede* biex min ghalihom ikopru l-pozizzjoni legali tal-istess socjeta' intimata intimata a skapitu tar-rikorrenti li versu lejhom kellhom fuq kollox id-dmir tal-*bonus paterfamilias* bhala fiducjarji kif jipprovdu l-Kodici Civili Artikolu 1124A(4)(a);

"Illi allura kwalsiasi kunsens f'dan is-sens gie vizzjat b'ingann, ghemil zleali, doluz u illegali minn naha tas-socjeta' intimata adoperat ghad-dannu tal-esponenti mir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata, li ghalhekk kien kaptat rizultat ta' zball materjali ipprovokat

[10] Kap 378, Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Artikolu 51(B)(2)(b), Artikolu 51C(b), Artikolu 51C(c)

mill-istess socjeta' intimata dwar mhux biss it-tip u l-kwalita' ta' prodott li fih huwa kien qieghed jinvesti, izda wkoll – f'kaz wiehed minn tnejn - dwar it-tip tas-servizz li nghata lilu mis-socjeta' intimata;

"8. Illi l-kumpannija intimata kompliet qarrqet bir-rikorrenti anke wara l-bejgh tal-prodotti Lifemark SA meta baqghu jibghatu *investment valuations*, fejn sa ftit xhur ilu baqghu juru valur tas-suq tal-prodott Lifemark bi prezz u valur gholi u jaghtu l-impressjoni lir-rikorrenti allura li l-investiment tieghu fil-prodott sejjer tajjeb meta fil-fatt kienu diga' ilu s-snin bi problemi fallimentari u regolatorji kif spjegat f'Paragrafu 2;

"Illi qed jigi mehmuza *investment valuations* b'sostenn ta' dan li qed jinghad kif gej sahansitra fid-data tat-30 ta' Gunju 2012, immarkat <u>Dokument R;</u>

"9. Illi ghar-rigward tal-applikabilita' u r-rilevanza tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur ghal din il-kawza, ir-rikorrenti jsostni li l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur huwa ferm rilevanti fis-servizzi finanzjarji in generali, u f'din il-kawza b'mod partikolari;

"Illi l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, kien ilu fis-sehh qabel ma il-provvizjonijiet ta' dan l-Att inkisru f'aktar minn okkazjoni wahda mis-socjeta' intimata. Dan l-Att sar ligi bl-Att XXVIII tal-1994 u dahal fis-sehh ftit wara, u allura ferm qabel kwalunkwe wahda mit-transazzjonijiet tal-esponenti li huma mertu ta' din il-kawza;

"Illi dan l-Att huwa applikabbli ghal transazzjonijiet ta' investiment ta' individwu daqs kemm japplika ghal kwalunkwe oggett jew servizz iehor li jinbiegh lil "*konsumatur*"; illi "*oggett*" u "*servizz*" jinkludi il-prodotti mibjugha mis-socjeta' intimata lil-esponenti kif ukoll it-tip ta' servizz pprovdut lilu; illi "*kummercjant*" jinkludi is-socjeta' intimata li qieghda taghmel negozju u tezercita professjoni u tbiegh prodotti ta' investiment u tipprovdi servizzi ta' investiment;

"Illi fil-fatt, Artikolu 2 (Tifsira) tal-istess Att jipprovdi, *inter alia*, li:

- *"konsumatur"* tfisser: *"(i) kull individwu li fi transazzjonijiet u hewejjeg ohra koperti b'dan l-Att jew b'regolamenti maghmulin tahtu, jkun qed jagixxi ghal ghanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mal-kummerc, negozju, sengha jew professjoni*", u allura altru li jinkludi lill-esponenti attur;

- *"oggetti"* tinkludi "*kull proprjeta' mobbli, sew tangibbli jew intangibbli, li jista' jsir kummerc minnha*", u allura altru li tinkludu "*investment instruments*", bhal ma huwa l-Lifemark Secure Income Bonds suggett ta' din il-kawza;

- *"servizzi*" jinkludi "l-*providiment, fil-kors jew bi tkomplija ta' xi kummerc, negozju, sengha jew professjoni … u t-twettiq, bi tkomplija ta' xi kummerc, negozju, sengha jew professjoni, ta' kull ghamla ohra ta' xi xoghol jew xi azzjoni bi skambju ghal hlas jew xi rigal*", u allura altru li jinkludi s-servizzi ta' investiment li pprovdiet is-socjeta' intimata lir-rikorrenti;

- *"kummercjant*" tfisser *"(i) kull persuna, inkluz korp maghqud jew mhux mahqud, li ghar-rigward ta' kull transazzjoni jew hag'ohra koperta b'dan l-Att jew regolamenti maghmulin tahtu tkun qeghda tagixxi ghal raginijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-kummerc, sengha jew professjoni tieghu; …; u (iii) kull persuna li ghaliha japplika l-artikolu 4 tal-Kodici tal-Kummerc",* u allura altru li jinkludi lis-socjeta' intimata nnifisha;

"Illi huwa ferm rilevanti wkoll id-dispost ta' Artikolu 51(I) tal-istess Att li jipprovdi illi *"Id-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu huma minghajr pregudizzju ghal … (e) kull rekwizit ta' xi ligi ohra fil-qasam tas-servizzi finanzjarji u tal-propjeta' immobbli, li huma iktar restrittivi jew preskrittivi mir-rekwiziti imposti mid-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu*", u ghalhekk jaghmilha ulterjorment car *u* jikkonferma illi l-istess Att huwa applikabbli ghal-*"qasam tas-servizzi finanzjarji*" minghajr pregudizzju ghall-applikabilita' ta' provvizjonijiet specjali aktar rigoruzi f'ligijiet ohra f'dak il-kamp;

"Illi ghaldaqstant l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur qieghed jigi invokat mill-esponenti ghal aktar minn raguni wahda u ghad-diversi ksur ta' disposizzjonijiet attribwibbli mill-esponenti lis-socjeta' intimata;

"Illi dan l-Att, flimkien ma' provvizjonijiet ta' ligijiet ohra, qed jigi invokat fil-kuntest ta' *culpa lata* u negligenza grossolana kontrattwali kif spjegat f'Paragrafu 6 ta' din in-Rikors Guramentat;

"Illi dan l-Att, flimkien ma' provvizjonijiet ta' ligijiet ohra, qed jigi invokat fil-kuntest ta' *mala fede* u ingann u l-uzu ta' espressjonijiet mhux gusti u pprojbiti kif spjegat f'Paragrafu 7.iii ta' din ir-Rikors Guramentat;

"Illi dan l-Att, flimkien ma' provvizjonijiet ta' ligijiet ohra, qed jigi invokat ukoll fil-kuntest ta' ingann, qerq u prattici kummercjali mhux gusti kif spjegat ukoll f'Paragrafu 7.iv ta' dan ir-Rikors;

"10.Illi s-socjeta' intimata kisret l-*Investment Services Rules for Investment Services Providers* li jimplementaw id-Direttiva Ewropeja MiFID 2004/39/EC, u li dahlu fis-sehh f'Novembru 2007, u dan b'mod generali, fir-rigward ta' transazzjonijiet li ghamlet ghall-esponenti minn Novembru 2007 lil hawn;

"Illi b'mod partikolari – u minghajr l-eskluzjoni tar-Regoli l-ohra mhux specifikament imsemmija f'dan l-istadju – il-ksur tar-Regoli jinkludu (izda mhumiex ristretti) dawn li gejjin, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza:

"*Part B 1, Standard Licence Conditions*:

"1. *General Requirements*

"Regola 1.08

"2. *Conduct of Business Obligations*

"*General*, minn Regola 2.01 sa Regola 2.02

"Regola 2.02

"*Client Profile Requirements:*

*"Assessment of Suitability and Appropriateness, minn Regola 2.13 sa Regola 2.15*

*"Assessment of Suitability, minn Regola 2.16 sa Regola 2.20*

*"Assessment of Appropriateness, Regola 2.21*

*"Provisions common to Assessment and Suitability, minn Regola 2.22 sa Regola 2.24*

*"Exemption from Appropriateness Test, Regola 2.25 u Regola 2.26*

*"Record Keeping*, Regola 2.83 sa Regola 2.85

"3. *Disclosure Requirements for Information to Clients, including Marketing Communications*

"*General, Regola 3.01*

*"Marketing Information and Other Information for Retial Clients and Potential Retail Clients, Regola 3.02*

*"Information about Instruments, Regola 3.10 u Regola 3.11*

*"Information about Costs and Associated Charges, Regola 3.22*

*"Appendix 7 - Record Keeping*

"11.Illi ghaldaqstant permezz tal-pariri hziena taghha u rizultat ta' nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha kif ukoll nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji u tal-*Guidelines* u Regolamenti dwar l-investimenti tal-MFSA, u ragunijiet ohra msemmija aktar kmieni f'dan ir-Rikors Guramentat, is-socjeta' intimata ikkagunat dannu ingenti lir-rikorrenti konsistenti f'telf ta' kapital u qliegh fir-rigward ta' flus minnu investiti tramite il-kumpannija intimata, u dana kif ahjar spjegat fil-prospett tad-danni, Dokument G mehmuz ma' dan ir-Rikors Guramentat;

"12.Illi s-socjeta' intimata hija responsabbli fil-ligi ghad-danni u telf ingenti li sofra r-rikorrenti fl-investimenti li ghamel;

"13.Illi interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mir-rikorrenti bhala rizultat tan-nuqqasijiet taghha bonarjament u anke permezz tal-Protest Gudizzjarju Numru 2668/12 datat 29 t'Awwissu 2012, Dokument H, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti;

"14.Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

"Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi billi:

"1. Tiddikjara illi s-socjeta' intimata agixxiet b'mod skorrett u qarrieqi ghaliex il-komportament taghha jikkwalifika bhala prattika kummercjali ngusta u qarrieqa a tenur tal-Artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti meta saru t-transazzjonijiet f'ismu fl-investimenti suriferiti;

"2. Tiddikjara illi l-kumpannija intimata tat parir hazin u agixxiet b' nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha kif ukoll b' nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji skont il-ligi u tal-*Guidelines* u Regolamenti dwar l-Investimenti tal-MFSA fil-konfront tar-rikorrenti meta sar il-bejgh lilu tal-investimenti suriferiti;

"3. Tiddikjara illi l-kunsens tar-rikorrenti gie kaptat mill-kumpannija intimata b'ghemil doluz u ingann adoperat ghad-dannu taghhom mir-rapprezentanti tal-istess intimata, kif ukoll kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mill-intimat fuq it-tip u l-kwalita' ta' prodott li fih huwa kien qed jinvesti u it-tip ta' servizz ta' investiment li s-socjeta' intimata kienet qed taghti lir-rikorrenti,

u li ghalhekk l-kunsens tieghu kien vizjat u allura ma jiswiex fil-ligi;

“4. Konsegwentement tiddikjara li s-socjeta’ intimata hija responsabbli fil-konfront tar-rikorrenti, ghat-telf tal-flus kif ukoll ghad-danni kollha li huwa sofra per konsegwenza tal-premess;

“5. Tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti, occorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi, mir-rikorrenti Roland Darmanin Kissaun;

“6. Tillikwida l-ammont tat-telf u danni sofferti, occorrendo bin-nomina ta’ periti nominandi, mir-rikorrenti kif premess;

”7. Tikkundanna lis-socjeta’ intimata sabiex thallas lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont il-ligi u bl-ingunzjoni tal-kumpannija intimata in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

"1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi r-rikors promotur huwa mizghud mill-bidu sa’ l-ahhar b’dikjarazzjonijiet u hwejjeg zejda bi ksur tal-artikolu 159 (1) tal-Kap 12, apparti li hafna mill-istess dikjarazzjonijiet lanqas biss ma gew mfissra f’paragrafi numerati separatament, bil-konsegwenza illi r-rikors guramentat huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza skont kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12; illi ghalhekk is-socjeta intimata sejra tirrispondi kif tista’ u kemm jista’ jkun fil-qosor dwar l-allegazzjonijiet varji maghmula mill-attur minghajr referenza ghal hwejjeg zejda, b’ dan li l-esponenti tirriserva illi tesponi ulterjorment fil-kaz li fil-kors ta’ dawn il-proceduri r-rikors promotur jigi mibdul, bl-awtorizzazzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, b’iehor li jfisser b’mod car u sewwa f’paragrafi numerati separatament l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba minghajr hwejjeg zejda konformament mad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 156(1) (a) u (b) u 159 tal-Kap. 12;

"2. Illi fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("l-ewwel sensiela ta’ paragrafi"), is-socjeta intimata tghid, minghajr pregudizzju

ghas-suespost, illi fir-rigward tal-investiment li sar mir-rikorrenti fl-Aberdeen Global Euro High Yield Bond Fund ma ghandhiex x'tikkumenta *stante* li l-istess rikorrenti qed jghid illi f'dan ir-rigward "*ma qieghed javvanza l-ebda lment*";

"3. Illi dejjem fir-rigward tal-ewwel sensiela ta' paragrafi tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tikkonferma illi l-attur Roland Darmanin Kissaun kien inkariga lis-socjeta intimata, bhala intermedjarja licenzjata taht l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kap. 370), sabiex taghmillu investiment fil-*Lifemark SA Secure Income Bond Issue 3 EUR – QI* fl-01 ta' Awwissu 2008 kif ukoll sabiex taghmillu investiment iehor fil-*Lifemark SA-Secure Income Bond Issue 4 EUR – QI* fid-19 ta' Settembru 2008; Illi mill-bqija l-allegazzjonijiet l-ohra tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata huma kollha kkontestati bhala infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza;

"4. Illi fir-rigward tat-tieni paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("it-tieni sensiela ta' paragrafi"), is-socjeta intimata tghid illi fil-vesti taghha ta' intermedjarja hija ghamlet hlasijiet ta' €4,249.23 u €669.62 fir-rigward ta' *Lifemark SA Secure Income Bond Issue 3 EUR* u ta' €3,400 u €559.60 fir-rigward ta' *Lifemark SA Secure Income Bond Issue 4 EUR* lir-rikorrenti, liema hlasijiet kollha kemm huma gew accetati u inkassati mill-attur minghajr ebda rizerva;

"5. Illi fir-rigward tal-kumplament tat-tieni sensiela ta' paragrafi s-socjeta intimata, filwaqt li tirreferi ghall-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta, ma ghandhiex x'tikkumenta in kwantu dak li qed jigi allegat huwa fil-konfront ta' terzi u mhux fir-rigward tas-socjeta intimata u fi kwalsiasi kaz ghad trid issir l-provi relattiva ta' dak li qed jigi allegat skont il-ligi;

"6. Illi fir-rigward tat-tielet paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("it-tielet sensiela ta' paragrafi"), s-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tal-attur bhala kompletament infondati u skorretti; Illi inoltre kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza l-attur kien ghamel diversi investimenti ohra u ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-attur ma kellux esperjenza fl-investimenti;

"7. Illi inoltre fir-rigward tat-tielet sensiela ta' paragrafi huwa assurd u inverosimili kif l-attur jista jsostni li t-taghrif u l-esperjenza tieghu fl-investimenti huwa "*prattikament inezistenti*" u fl-istess nifs jikkonferma bil-gurament li jaf personalment illi "*r-rikorrenti ma jistax jifhem kif is-socjeta intimata investiet flusu fi prodotti komplessi tal-istess natura, jigifieri fis-suq ta' traded life insurances, b'riskju elevat u li ma setghux jigu kkunsidrati bhala "suitable" u / jew "appropriate" kif it-termini jinftiehmu skond it-teknika u s-sengha tal-investment services li kieku t-testijiet ta' "suitability" u "appropriateness" saru b'mod diligenti u meqjus kif jitolbu r-Regoli tal-Investiment tal-MFSA*". Illi dawn id-dikjarazzjonijiet huma manifestament inkonsistenti u kontradittorji u jesponu t-tghawwig tal-fatti u l-falsita' li fuqhom huwa bbazat r-rikors promotur;

"8. Illi fir-rigward tar-raba paragrafu tar-rikors promotur s-socjeta intimata tghid illi ma tnaqqset ebda kummissjoni mill-kapital li investa r-rikorrenti fil-Lifemark S.A. u ghalhekk il-kapital relattiv gie investit kollu kemm hu fil-prodott in kwistjoni skont l-ghazla tal-attur;

"9. Illi inoltre fir-rigward tar-raba' paragrafu tar-rikors promotur u l-paragrafi sussegwenti bla numru s-socjeta intimata tirrespingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet tal-attur bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; Illi assolutament mhuwiex minnu illi l-intimata agixxiet b'mod zleali, qarrieqi u doluz u bi ksur tal-ligi kif jallega r-rikorrenti; L-esponenti tafferma illi huwa r-rikorrenti li qed jipprova iqarraq billi filwaqt li qed jaghmel numru ta' supposizzjonijiet skorretti u dikjarazzjonijiet foloz li ma ghandhom l-ebda fondament qed jikkonferma bil-gurament illi jaf personalment bil-hwejjeg allegati minnu;

"10. Illi fir-rigward tal-hames, is-sitt, is-seba', it-tminn, id-disa', l-ghaxar u l-hdax il-paragrafu (u l-paragrafi sussegwenti ghalihom bla numru) tar-rikors promotur, s-socjeta intimata tirrespingi l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrenti bhala kompletament infondanti fil-fatt u fid-dritt; Inoltre s-socjeta intimata tafferma wkoll illi l-attur agixxa xjentement u minn jeddu fir-rigward tal-investimenti in kwistjoni li ghamel tramite taghha u li l-attur stess ikkonferma, fost affarijiet ohra, illi kien fehem kif jahdem l-investiment fil-Lifemark S.A. u r-riskji involuti; ikkonferma ukoll illi hu kien gie imwissi mir-rapprezentant tas-socjeta intimata illi l-valur tal-investiment u l-qliegh relattiv jista' jitla' kif ukoll jinzel u li jista' jkun ukoll illi huwa jirkupra lura anqas mis-somma investita minnu; dan jirrizulta *inter alia*

mill-*file notes* iffirmati mir-rikorrenti fl-01 ta' Awissu 2008 u fid-19 ta' Settembru 2008 li kopji taghhom qed jigu annessi u mmarkati bhala Dok. GC 2 u GC 3 rispettivament stante illi r-rikorrenti ghazel illi mar-rikors guramentat tieghu jipprezenta biss l-ewwel pagna mil-*file note* tal-01 ta' Awwissu 2008 (u cioe' halla barra l-pagna bil-firma tieghu – ara Dok B anness mar-rikors promotur);

"11. Illi inoltre b'referenza ghas-sitt paragrafu (u l-paragrafi sussegwenti ghalih bla numru) tar-rikors promotur, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata tichad fermament illi hija agixxiet b'nuqqas ta' hila, sengha u diligenza u/jew li agixxiet bi traskuragni u negligenza grossolana fit-twettieq tal-inkarigu taghha u/jew bi prattici kummercjali mhux gusti kif allegat mir-rikorrenti;

"12. Illi b'referenza ghas-seba' paragrafu u l-paragrafi sussegwenti bla numru ("is-seba' sensiela ta' paragrafi") tar-rikors promotur, u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta intimata tichad fermament illi hija ingannat lill-attur u/jew li agixxiet b'mod zleali, qarrieqi, doluz u kontra l-ligi u/jew b'mala fede fil-konfront tieghu u tafferma illi f'kull kaz l-attur agixxa xjentement u liberament fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet rilaxxati minnu ghall-fini tal-investimenti in kwistjoni; Illi is-socjeta intimata tichad kategorikament ukoll illi hija uzat xi prattici kummercjali pprojbiti, mhux gusti u/jew qarrieqa, jew li b'xi agir iehor kisret id-disposizzjonijiet tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta ;

"13. Illi fir-rigward tas-seba' sensiela ta' paragrafi s-socjeta intimata tirrespingi wkoll l-allegazzjonijiet maghmula mill-attur li l-kunsens tieghu kien vizjat b'ingann u b'ghemil zleali, doluz u illegali min-naha tas-socjeta intimata, u/jew li l-istess kunsens kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mis-socjeta intimata, bhala kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

"14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjoniijet tar-rikorrenti fit-tminn paragrafu tar-rikors promotur huma wkoll skorretti u inveritiera peress li l-attur kien infurmat bl-izviluppi relevanti koncernanti l-investiment tieghu fil-Lifemark S.A. u l-"*investment valuation*" esebita minnu stess datata 30 ta' Gunju 2012 (Dok R) filwaqt li turi l-ahhar prezz ikkowtat fuq is-suq ghal-investimenti in

kwistjoni tindika ukoll li n-negozjar f'dawk l-investimenti kien jinsab sospiz;

"15. Illi fir-rigward tad-disa' paragrafu u l-paragrafi sussegwenti bla numru (d-disa' sensiela ta' paragrafi) tar-rikors promotur, is-socjeta intimata filwaqt li tirreferi ghall-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta in kwantu d-disa' sensiela ta' paragrafi tar-rikors guramentat huma kompletament superfluwi ghall-fini tal-art. 159 tal-Kap. 12, terga ssostni wkoll dak li affermat fit-tnax il-paragrafu ta' din ir-risposta fis-sens illi s-socjeta intimata ma agixxietx bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tar-rikorrenti;

"16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-ghaxar paragrafu u l-paragrafi sussegwenti bla numru (l-ghaxar sensiela ta' paragrafi) tar-rikors promotur, u senjatament il-paragrafu li jghid "*illi b'mod partikolari – u* ***<u>minghajr l-eskluzjoni tar-Regoli l-ohra mhux specifikament imsemmija f'dan l-istadju – il-ksur tar-Regoli jinkludu (izda mhumiex ristretti)</u>*** *dawn li gejjin, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza …*", is-socjeta intimata tirreferi ghal darb' ohra ghall-ewwel paragrafu ta' din ir-risposta in kwantu l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba mhumiex sufficjentement cari ghall-fini tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12; illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti f'dan il-paragrafu jirrigwardaw mhux biss ir-Regoli li jissemmew sussegwentement fir-rikors guramentat izda ukoll Regoli ohra minghajr ma l-attur jispecifika ghal liema Regoli qed jirreferi u x'inhu l-allegat ksur fir-rigward ta' dawn ir-Regoli ; illi ghalhekk is-socjeta intimata ma tistax tifhem l-allegazzjonijiet kollha migjuba kontriha u ghaldaqstant ma tistax tirrispondi adegwatament fir-rigward bi pregudizzju evidenti ghad-difiza taghha;

"17. Illi fir-rigward tal-paragrafu hdax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tirrespingi wkoll bhala infondata fil-fatt u fid-dritt l-allegazzjoni tal-attur illi hija tat xi pariri hziena u/jew li agixxiet b'nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha u/jew nuqqas ta' harsien tad-dmirijiet fiducjarji u tal-*Guidelines* u Regolamenti tal-MFSA (minghajr ma lanqas biss jispecifika liema huma l-Guidelines u r-Regolamenti li qed jirreferi ghalihom) u/jew li bl-agir taghha ikkagunat xi dannu lir-rikorrenti;

"18. Illi fir-rigward tal-paragrafu tnax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tghid illi ghar-ragunijiet suriferiti, u kif ser ikompli jirrizulta fil-kors tal-kawza, s-socjeta intimata ma ghandha l-ebda responsabbilta’ ghad-danni u telf li qed jirreklama r-rikorrenti**;** inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, apparti li ghad trid issir il-prova tad-dannu jew telf li qed jigi allegat mill-attur, fil-kaz li jirrizulta li l-attur garrab xi telf fuq l-investimenti suriferiti b’daqshekk ma jsegwix illi s-socjeta intimata hija responsabbli ghad-dannu jew telf soffert mill-attur**;**

"19. Illi fir-rigward tal-paragrafu tlettax tar-rikors promotur, is-socjeta intimata tghid illi apparti li hija baqghet dejjem disposta biex tipprovdi kwalsiasi taghrif u informazzjoni lill-attur dwar l-investimenti tieghu, hija ma kellhiex ghalfejn tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni stante illi l-pretensjonijiet tal-attur fil-konfront taghha huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt; is-socjeta intimata tirrileva ukoll illi hija dejjem irrespingiet il-pretensjonijiet tal-attur kif jirrizulta fost affarijiet ohra mill-ittra tas-socjeta intimata datata 6 ta’ Mejju 2013 (kopja annessa u mmarkata Dok. GC 4);

"20. Illi l-fatti indikati fil-paragrafi suriferiti ta’ din ir-risposta huma maghrufin lill-esponenti in kwantu jaf bihom fil-mansjoni tieghu bhala ufficjal tas-socjeta intimata.

“**<u>L-Eccezzjonijiet</u>**

“Ghaldaqstant in vista tas-suespost is-socjeta intimata ghandha s-segwenti eccezzjonijiet xi tressaq kontra t-talbiet tar-rikorrenti:

“(1) Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra r-rikors guramentat ma jissodisfax l-art. 159 u 156 (1) (a) u (b) tal-Kap. 12 in kwantu huwa mizghud bi hwejjeg u dikjarazzjonijiet zejda bi ksur tal-artikolu 159 (1) tal-Kap 12, li hafna minnhom lanqas biss ma gew mfissra f’paragrafi numerati separatament, bil-konsegwenza illi r-rikors guramentat huwa konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza u r-raguni tat-talba skont kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12. Ghalhekk a skans ta’ pregudizzju serju ghad-difiza taghha s-socjeta intimata, filwaqt li qeghdha tintavola din ir-risposta guramentata, tghid li huwa mehtieg li r-rikors guramentat jigi mibdul skont l-art. 159(2) tal-Kap. 12 sabiex jissodisfa l-vot tal-art. 156(1) (a) u (b) tal-Kap. 12 u li s-socjeta intimata ghandha tinghata l-

fakolta' terga' twiegeb wara li tigi notifikata bir-rikors kif sostitwit a spejjez tar-rikorrenti; Fin-nuqqas is-socjeta intimata qedha minn issa tecepixxi n-nullita' tar-rikors guramentat a tenur tal-artikoli 156 (1) (a) u (b) u 789 (1) (c) u (d) tal-Kap. 12;

"(2) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet tal-atturi in kwantu bbazati fuq responsabbilta' extra kontrattwali huma preskritti a tenur tal-art. 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"(3) Illi preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra t-talba tal-attur ghal dikjarazzjoni li l-kunsens tieghu kien vizjat u li dan ma jiswiex fil-ligi kif allegat minnu u mitlub li jigi ddikjarat fit-tielet (3) talba tieghu hija preskritta a tenur tal-art. 1222 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"(4) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, l-ewwel (1) talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-agir tas-socjeta intimata ma tikkwalifikax bhala prattika kummercjali ngusta u qarrieqa a tenur tal-artikoli 51A, 51B, 51C, 51D u 51E tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta u s-socjeta intimata ma agixxietx b'mod skorrett u qarrieqi kif allegat mir-rikorrent;

"(5) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tieni (2) talba tar-rikorrent hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata ma tat l-ebda parir hazin u ma agixxietx b' nuqqas ta' hila u sengha, traskuragni u negligenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu taghha u lanqas ma naqset milli thares xi dmirijiet fiducjarji skont il-ligi u l-*Guidelines* u Regolamenti dwar l-Investiment tal-MFSA fil-konfront tar-rikorrent meta saru l-investimenti in kwistjoni, kif mitlub li jigi ddikjarat fit-tieni talba tar-rikors promotur;

"(6) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-tielet (3) talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata tichad bl-aktar mod kategoriku illi l-kunsens tar-rikorrenti gie kaptat minnha b'eghmil doluz u ingann, kif ukoll li l-kunsens tar-rikorrenti kien rizultat ta' zball materjali ipprovokat mis-socjeta intimata, u li l-kunsens tar-rikorrenti kien vizjat u ma jiswiex fil-ligi kif allegat minnu fit-tielet (3) talba tar-rikors promotur;

“(7) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, t-talbiet l-ohra tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu s-socjeta intimata mhiex responsabbli veru r-rikorrenti ghal ebda telf jew dannu li setghu gew sofferti mir-rikorrenti u ghalhekk is-socjeta intimata ma ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont in linea ta’ telf jew dannu lir-rikorrenti u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti;

“(8) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta’ Gunju, 2017 u li in forza taghha iddisponiet mill-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fis-sens li gej:

“1. Tilqa’ l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta limitatament billi a tenur tal-artikolu 159(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta tordna t-tneħħija tar-rikors ġuramentat mill-atti tal-kawża u li a kariku tal-attur jiddaħħal minfloku fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tas-sentenza rikors ġuramentat ieħor li m’għandux ikun itwal minn tliet (3) paġni b’tipi indaqs tal-att oriġinali li għandu jinkludi l-premessi u talbiet attriċi kif miġjuba fl-ewwel rikors ġuramentat u fil-bqija tiċħad l-eċċezzjoni;

“2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

“3. Tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

“L-ispejjeż jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

“Ikkunsidrat illi permezz ta’ din l-azzjoni, l-attur qiegħed jitlob lill-Qorti ssib lis-soċjetà konvenuta responsabbli għat-telf li sofra konsegwenza ta’ investiment li falla. Da parti tagħha, is-soċjetà konvenuta tiċħad li

hija b'xi mod responsabbli għat-telf li sofra l-attur. Is-soċjetà konvenuta ressqet ukoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari.

"Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur kien inkariga lis-soċjetà konvenuta bħala intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment (Kapitolu 370 tal-Liġijiet ta' Malta) sabiex jagħmel investiment ta' €49,990.92 fil-Lifemark SA-Secure Income Bond Issue 3 EUR – QI fl-1 ta' Awissu 2008 u investiment ieħor ta' €40,000 fil-Lifemark SA-Secure Income Bond Issue 4 EUR – QI fid-19 ta' Settembru 2008. Ftit taż-żmien wara li saru dawn l-investimenti, Lifemark issospendiet il-pagament tal-imgħax wara li tpoġġiet taħt amministrazzjoni proviżjorja u sar magħruf pubblikament illi kienet qiegħda tirriskontra diffikultajiet finanzjari. Permezz ta' ittra datata 5 t'April 2011, is-soċjeta konvenuta nfurmat lill-klijenti tagħha li l-pagamenti kollha tal-prinċipal fuq il-*bonds* kollha ta' Lifemark S.A. kienu sospiżi.

"L-attur jikkontendi li s-soċjetà konvenuta naqset fl-obbligi tagħha lejh billi rappreżentanti tagħha tawh pariri ħżiena, aġixxew b'nuqqas ta' ħila u sengħa u bi traskuraġni u neġliġenza grossolana fit-twettiq tal-inkarigu tagħhom, naqsu milli jħarsu d-dmirjiet fiduċjarji tagħhom skont il-Kodiċi Ċivili u l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, naqsu milli jħarsu l-I*standard Licence Conditions* u r-Regolamenti dwar l-Investimenti maħruġa mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, provdew deskrizzjoni qarrieqa li ma kinitx '*fair, clear and not misleading*' bi ksur tal-istess regoli u l-Att dwar il-Konsumatur, kif ukoll illi s-soċjetà konvenuta ingannatu meta b'maniġġi u b'mod żleali, qarrieqi, doluż u illegali u bi prattiċi kummerċjali inġusti li jammontaw ukoll għal ksur tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, ottjeniet il-firma tiegħu għall-dikjarazzjonijiet li ma kinux veritieri, maħsuba biex jagħtu vantaġġ legali lis-soċjetà konvenuta a skapitu tiegħu, bi ksur tal-Kodiċi Ċivili.

"Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tas-soċjetà konvenuta li permezz tagħhom eċċepiet in-nullità tar-rikors promotur kif ukoll illi t-talbiet attriċi huma preskritti a tenur tal-artikoli 2153 u 1222 tal-Kodiċi Ċivili.

"Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, s-soċjetà konvenuta eċċepiet li r-rikors ġuramentat tal-attur ma jissodisfax ir-rekwiżi tal-artikolu 156(1)(a) u (b) u l-artikolu 159 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement in-nullità tal-imsemmi rikors a tenur tal-artikolu 789(1)(a) u (b) tal-istess Kap. 12.

"L-imsemmija artikoli jaqraw hekk:

> *"156. (1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -*
>
> *"(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*"(b) ir-raġuni tat-talba;*

*"159. (1) Ħlief riferenza għal-liġi, fir-rikors ġuramentat u fir-risposta ġuramentata, li għandhom ikunu fil-qosor, m'għandu jkun hemm ebda kumment, jew ħwejjeġ mhux meħtieġa sabiex jiġu mfissra l-fatti sustanzjali fir-rikors ġuramentat, jew sabiex jiġu mwaqqgħa dawk il-fatti jew biex jiġu indikati l-eċċezzjonijiet fir-risposta ġuramentata.*

*"(2) Meta dan ma jiġix imħares, il-qorti tista' tordna li l-ħwejjeġ żejda jiġu mħassra, jew li l-iskrittura tiġi mneħħija mill-inkartament u mbiddla b'oħra flokha magħmulha skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu.*

*"789. (1) L-eċċezzjoni ta' nullità tal-atti ġudizzjarji tista' tingħata –*

*"(ċ) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi, ukoll jekk mhux taħt piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun ġiebet, lill-parti li titlob in-nullità, preġudizzju illi ma jistax jissewwa xort'oħra ħlief billi l-att jiġi annullat;*

*"(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa mil-liġi:*

*"Iżda dik l-eċċezzjoni ta' nullità kif maħsuba fil-paragrafi (a), (ċ), u (d) ma tkunx tista' tingħata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi."*

"Huwa stabbilit illi fejn ikun hemm eċċezzjoni ta' nullità bħal dik in eżami, il-Qorti għandha teżamina jekk verament din l-eċċezzjoni fis-sustanza tagħha twassallax għan-nullità *o meno*. Fil-fatt, l-emendi li saru fil-Kap. 12 permezz tal-Att XXIV tal-1995 kienu intiżi, inter alia, sabiex jiġu evitati dawn it-tip ta' eċċezzjonijiet.

"Fir-rigward tar-rekwiżiti skont l-artikolu 156(1)(a) u (b) tal-Kap. 12, dawn ingħataw fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna interpretazzjoni wiesgħa fis-sens li ma ġietx addotta l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-liġi (Stephen Grech vs Onor. Prim Ministru et, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Settembru 2013).

"Fis-sentenza fl-ismijiet The Margarine Import Company Ltd vs Kontrollur tad-Dwana, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2003, ingħad li skont l-insenjament tal-Laurent (Principii di diritto Civile, Vol.1 par 43) '*in nullità: è un mezzo estremo cui il legislatore non ricorra che in caso di necessità*. Fil-każ Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina, deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-21 ta' Marzu 1988, ingħad li biex '*tigi dikjarata nulla l-azzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha, jehtieg li jikkonkorru ragunijet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut*.'

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 ta` April 2004 fil-kawża Malta Development Corporation vs Paul Licari ingħad illi:

"*Il-prassi tal-Qrati nostrali, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tas-sena 1995, inkluz il-kontenut tal-Art.175 tal-kap.12 hija li, "il-formalizmu esagerat illi hafna gie imnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu u n-nullitajiet ta` diversi formu li jinutnuh" u konsegwentement "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli.”*

*“In-nullità tal-att gudizzjarju hija sanzjoni estrema li l-ligi trid timposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att, ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali. Ghalhekk att ta’ citazzjoni ghandu jkun imwaqqa’ u annulat biss ghal ragunijiet gravi.*”

“Kif gie dikjarat mill-Qorti tal-Kummerċ fil-każ Joseph Cachia nomine vs Paul Zammit et nomine deċiż fl-14 ta’ Dicembru 1989:

“*Illi biex citazzjoni tkun nulla, skont l-artikolu 789 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, in-nullità trid tkun iddikjarata mil-ligi espressament jew ikun hemm vjolazzjoni tal-provi mehtiega mil-ligi, nuqqas ta’ xi partikolarità essenzjali mehtiega mil-ligi espressament*.”

“Fil-każ Capua Palace Ltd vs Boris Arcidiacono, deċiża fil-31 ta’ Jannar 2003 ġie ritenut illi:

“*Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b’cirkospezzjoni eccezzjoni ta’ nullità ta’ att gudizzjarju. Biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validità huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta’ hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;*

*“Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta’ konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut.*”

“Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Bonnici vs Eucharistico Zammit noe tal-20 ta’ Jannar 1986, l-artikolu 156(1) kien imfisser hekk:

“*Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx però li kwalunkwe nuqqas da parti ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta’ l-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullità tac-citazzjoni. Infatti, biex citazzjoni tigi mwaqqfa irid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalità taghha u mhux spezzettata.*”

“Fis-sentenza li tat fl-4 ta’ Novembru 1991 fil-kawża fl-ismijiet Guido J. Vella A & CE vs Dr. Emanuel Cefai il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> "*Meta f'citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravvenzjoni ta' l-artikolu 156(1)(a), ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita tac-citazzjoni tista' tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullità pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort'ohra hlief billi l-att jigi annullat. F'dawn il-kazijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista' jkun, ghall-pratticità u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullità u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi: in-nullità ta' l-att gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi imposta biss meta n-nuqqas - formali jew sostanzjali - fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta` gustizzja procedurali. Kull fejn hemm nuqqasijiet procedurali li m'humiex ta' natura radikali u serja l-Qorti ghandha setgha skond l-artikolu 173 Kapitolu 12 li, in camera, taghti ordnijiet u direttivi li jidhrilha xierqa biex tassikura li dak li ghandu x'jaqsam mal-procedura jigi mhares kif imiss*."

"Dwar ir-rekwiżit tal-artikolu 156(1)(b) u ċioè ir-raġuni tat-talba, ingħad mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Avukat Dottor Carlo Moore noe vs Perit Arkitett u Inġinier Ċivili Carmelo Falzon et tal-15 ta' Diċembru 1995 li:

> "*għalhekk ġie ritenut illi l-liġi ma tirrikjedix kliem partikolari għal kif għandha ssir iċ-ċitazzjoni, biżżejjed li jiftiehem xi jkun qiegħed jitlob l-attur, b'mod li l-kawżali tista' tkun espressa lakonikament, u saħansitra tista' tkun anki dedotta mid-domanda (Kollezz. XXXIV.II.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).*"

"Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-23 ta' Marzu, 2010 fil-kawża Carmela Buttigieg et vs Carmen Agius ingħad:

> "*Illi l-ligi tippreskrivi, fost l-ohrajn, li r-Rikors Mahluf ghandu jkun fih tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi ghat-talbiet ghandhom iwasslu lil min qieghed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwizit, hemm il-principju li l-parti mharrka trid tinghata l-fakoltà li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iharrikha (Ara, per ezempju, P.A. 5.6.1959 fil-kawza fl-ismijiet **Sciortino et vs Micallef** (Kollez. Vol: XLIII.ii.748).*
>
> *"Illi nghad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullità ta' att gudizzjarju. Biex Rikors Mahluf jghaddi mill-prova tal-validità huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha (P.A.: 14.2.1967 fil-kawza fl-ismijiet **J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul** (Kollez. Vol: LI.ii.779) u li tali tifsila ma tkunx ta` hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur (App. Kumm. 20.1.1986 fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistico Zammit noe et**).*"

"Fis-sentenza fl-ismijiet Angelo Fenech et vs Pawlu Grech et tal-24 ta' Settembru 2001, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta intqal illi:

> "*Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validità huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha.*
>
> *"Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proceduri. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tistà tigi salvata basta dan ma jaffetwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet." (Ara wkoll "***Falzon vs Spiteri et***" P.A. deciza fl-24 ta` Gunju 1961 (Kollez. Vol: XLVIII.ii).*"

"Finalment, kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Anthony Holland et vs Jeanette Pullicino et tal-14 ta' Lulju 2016:

> "*Illi ghalkemm, ir-raguni tat-talba ma tohrogx b'mod esplicitu, izda tista' tigi dedotta wara l-qari tal-premessi. Hawnhekk, mhux il-kaz li l-att gudizzjarju hu kolpit minn xi mankanza gravi li tista' twassal ghan-nullità tal-att. Di più, indubbjament, ma jistax jinghad li l-intimat jinsab f'pozizzjoni li ma jistax jiddefendi ruhu li ma setax jifhem ir-raguni tat-talba. Dan peress, li tramite l-eccezzjonijiet li qajjem jigi dedott, li fehem ezatt it-talba kif dedotta, bic-cirkostanzi u l-konsegwenzi kollha, billi laqa' ghalihom bl-eccezzjonijiet preliminari u anke dawk fil-mertu.*"

"Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża li għandha quddiemha llum, din il-Qorti ssib illi s-soċjeta konvenuta għandha raġun biss f'dik il-parti tal-eċċezzjoni tagħha fejn tilmenta li r-rikors promotur m'huwiex konformi mal-artikolu 159 tal-Kap. 12. Huwa ċar illi r-rikors ġuramentat la huwa fil-qosor, u aktar minn hekk huwa mimli kummenti u ħwejjeġ li m'humiex meħtieġa f'rikors promotur. Dan ifisser li l-attur, fit tfassil tar-rikors tiegħu ma ħarisx dak li trid il-liġi. Madanakollu, fi kliem il-liġi nnifisha, dan ma jwassalx għan-nullità tar-rikors promotur imma jagħti lok għall-provvediment li din il-Qorti ser tagħti fil-parti disposittiva ta' din id-deċiżjoni.

"Fir-rigward tal-bqija tal-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, din il-Qorti tqis illi ma hemm xejn li jwassal għan-nullità tar-rikors ġuramentat. M'huwiex il-każ illi l-oġġett jew ir-raġuni tat-talba ma ġewx imfissra sew, tant illi s-soċjetà konvenuta wieġbet fid-dettal għall-premessi u talbiet kif dedotti kontriha. Lanqas ma jirriżulta li r-rikors promotur huwa nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament meħtieġa bil-liġi. Isegwi għalhekk illi ma ġiex ipprovat illi nħoloq lilha xi preġudizzju irrimedjabbli u dan speċjalment in vista tal-fatt illi kif intqal, din il-Qorti sejra tagħti provvediment skont l-artikolu 159 tal-Kap. 12.

"Għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta qiegħda tiġi milqugħa limitatament kif ser jingħad fil-parti dispositiva ta' din is-sentenza.

"Permezz tat-tieni eċċezzjoni preliminari tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li t-talbiet attriċi huma preskritti bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili li jaqra hekk:

> "*L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.*"

"B'mod ġenerali, ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Frank German vs Domenico Azzopardi, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Jannar 1950 li *'(L)-indoli ta' l-azzjoni tiġi desunta mhux tant mill-kliem piu o meno eżatti tal-att istituttiv tal-ġudizzju, imma mill-iskop li għalih huwa intiż il-ġudizzju.'* Minn dan isegwi li għall-finijiet tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà konvenuta, huwa neċessarju li ssir indaġini dwar il-veru natura tal-azzjoni li qiegħda tiġi eżerċitata mill-attur.

"Hekk ukoll, fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Peter Montebello vs Peter Montebello tal-25 ta' Settembru 2003, il-Qorti qalet proprju li:

> "*Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżai u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera.*"

"Hija l-azzjoni kif arġinata fil-parametri tal-premessi u talbiet tagħha li għandha tidditermina liema huwa l-perjodu preskrittiv applikabbli. Wieħed irid iqis allura jekk l-artikolu tal-liġi msemmija mis-soċjeta konvenuta sabiex isejjes l-eċċezzjoni tagħha japplikawx għall-azzjoni odjerna kif ibbażata.

"Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet John Grech vs Ivan Mifsud, deċiża fl-1 ta' April 2003:

> "*Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn, prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin.*"

"Il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

"*Illi, madankollu, mhux kull ħsara li ġġarrab persuna minn għamil jew nuqqas ta' ħaddieħor waqt it-twettiq ta' kuntratt tikkostitwixxi ħtija kuntrattwali: iżda biex tkun ħtija akwiljana, kif imfisser hawn fuq, jeħtieġ jintwera li l-għamil li minħabba fih issir il-ħsara jkun għal kollox miftum u awtonomu mir-rabta mnissla mill-kuntratt.*"

"Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb noe tal-20 ta' Frar 2009 spjegat illi:

"*Dan ir-ragunament gie espress ukoll fil-precitata sentenza **Spiteri pro et noe v. Castle** fejn inghad illi "Il colpa aquiliana tikkorri meta d-dannu jigi kagonat f'rapport extra-kontrattwali, cioè tillimita ruhha ghal fatt tal-bniedem bhala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover in generali tan-"neminem laedere" kombinat man-negligenza taht l-art. 1075, 1076 tal-Kodici mentri l-colpa jew responsabilità kontrattwali tirrisali ghal kuntratt u hija fondata fuq il-vjolazzjoni tad-dover tal-prestazzjoni li l-obbligat ghandu favur il-parti l-ohra. Ghalkemm fil-Kodici taghna l-grad tal-colpa tant f'kas kemm f'iehor kien minn dejjem l-istess … cioè dak il-grad ta' colpa li jonqos mill- "istandard" ta' diligenza tal-"bonus pater familias" a differenza mil-ligi taljana li biss bil-Kodici tal-1942, abbandunat il-koncett tad-dritt Ruman li "in lege aquila et levissima culpa venit", il-kawza taz-zewg kwalitajiet ta' colpa kienet minn dejjem hekk distinta fil-gurisprudenza numerusa u kostanti patrija ghal dak li jirrigwarda l-konsegwenza tad-distinzjoni fuq il-perjodu tal-preskrizzjoni … Illi a propositu ta' dana l-Onorabbli Qorti tal-Appell fi zmien iktar recenti (Busuttil vs. Schembri, 19 ta' Frar, 1954 Kol. Vol. 38, i, sez. 2, pag. 292) waqt li ikkonfermat id-distinzjoni fuq imsemmija ghallmet wkoll li huwa veru li mhux kull vjolazzjoni ta' dritt ta' haddiehor fl-adempiment ta' kuntratt tikkostitwixxi kolpa kontrattwali, izda ziedet li biex il-kolpa ma tkunx kontrattwali jehtieg li ma jkollhiex rapport mal-kuntratt pre-ezistenti, u ghalhekk jiddependi mic-cirkostanzi tal-gudizzju jekk il-colpa li wiehed mill-kontraenti jaddebita lill-iehor hijiex kontrattwali jew aquiliana; u l-konkluzjoni taghha (il-kaz kien ta' bini hazin ta' hajt minn appaltatur) kienet illi l-**colpa fil-prezenza ta' kuntratt, tista' tkun aquiliana biss meta l-fatt ikun indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali.** Illi anke d-duttrina kontinentali recenti hija fis-sens li fl-individwazzjoni tan-natura tal-colpa hafna jrid jithalla ghall-'interpretazzjoni gudizzjarja' jew, iktar bi precizjoni, ghad-diskrezzjoni tal-gudikant fl-apprezzament tal-fattispeci dedotti…*"".

"Il-preskrizzjoni skont l-artikolu 2153 tal-Kodiċi titlaq mill-premessa li l-attur ikun qiegħed jallega ħtija akwiljana fil-konfront tal-konvenut. Madanakollu, fil-każ tal-lum huwa evidenti mill-premessi u talbiet attriċi li l-azzjoni odjerna m'hijiex ibbażata fuq fatti u ċirkostanzi previsti mill-artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili.

"Fil-fehma tal-Qorti t-talbiet attriċi huma bbażati fuq l-artikoli 1125 u 1135 tal-Kodiċi Ċivili in kwantu li huma msejsa fuq ir-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet u mhux ħtija akwiljana.  L-attur jallega li sofra danni konsistenti fit-telf tal-flus investiti konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjeta konvenuta fir-rwol tagħha ta'

intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment in kwantu li mal-attur kellha relazzjoni ta' professjonista u klijent. L-attur stess iżid ukoll illi s-soċjeta konvenuta naqset fl-obbligi fiduċjarji tagħha lejh.

"L-attur jallega li s-soċjetà konvenuta naqset fl-obbligi legali tagħha lejh bħala intermedjarja liċenzjata taħt l-Att Dwar Servizzi ta' Investiment kif ukoll taħt l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur. Dan kollu juri biċ-ċar illi dak li qiegħed jitlob l-attur m'humiex danni emanenti minn delitt jew kważi delitt, imma bbażata fuq allegazzjoni li s-soċjeta konvenuta naqset fl-obbligi kuntrattwali tagħha inkluż li ma ssodisfatx it-termini tal-liġi applikabbli, u allura, in-natura tal-azzjoni hija waħda' ta' inadempiment ta' obbligu legali impost fuqha riżultat tar-relazzjoni kuntrattwali ta' bejnithom u mhux danni akwiljani.

"Minkejja li huwa minnu li l-attur jallega li l-konvenuta kisret diversi disposizzjonijiet tal-liġi u li aġġixxiet b'nuqqas ta' ħila u sengħa, traskuraġni u negliġenza, huwa jispjega li dan in-nuqqas seħħ fit-twettiq tal-inkarigu tagħha u u b'nuqqas ta' ħarsien tad-dmirijiet fiduċjarji u ċertament mhumiex ibbażati fuq ħtija akwiljana.

"Il-Qorti ssib illi ladarba l-ħsara li l-attur jgħid illi ġarrab tinsilet proprju mill-patti kuntrattwali u obbligazzjonijiet fiduċjarji li huwa jgħid li s-soċjetà konvenuta naqset milli tħares, il-preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ m'hijiex dik imsemmija mis-soċjetà konvenuta.

"Ladarba l-preskrizzjoni indikata mill-parti mħarrka ma tkunx tapplika, u b'ħarsien tan-norma li l-Qorti ma tistax tqanqal minn rajha l-preskrizzjoni jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata, ma tistax tikkunsidra u/jew tapplika terminu preskrittiv ieħor mhux imsemmi mill-eċċepjenti, bla ma tkun qiegħda tindaħal bla ma jixraq f'qasam odjuż li fih m'ghandhiex tieħu inizjattiva (John Grech vs Ivan Mifsud ċitata).

"Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

"Permezz tal-aħħar eċċezzjoni preliminari tagħha, is-soċjetà konvenuta teċċepixxi li t-talba tal-attur għal dikjarazzjoni li l-kunsens tiegħu kien vizjat u li għalhekk ma jiswiex fil-liġi hija preskritta a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jaqra hekk:

> *"1222. (1) Meta l-liġi f'xi każ partikolari ma tistabbilixxix żmien aqsar, l-azzjoni għar-rexxissjoni minħabba vjolenza, żball, egħmil doluż, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni egħluq sentejn.*
>
> *"(2) Dan igħodd ukoll għar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew magħmulin fuq kawża falza."*

"L-artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili jirrigwarda l-preskrizzjoni għall-azzjoni ta' nullità u ta' rexxissjoni biex jiġi annullat kuntratt li jkun nieqes minn xi waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji għall-eżistenza tiegħu jew għaliex

ikollu xi vizzju li jirrendih invalidu jew leżiv għal xi wieħed mill-kontraenti.

"Din il-Qorti tqis illi l-artikolu surriferit m'huwiex applikabbli għall-każ tal-lum għaliex l-azzjoni odjerna m'hijiex għar-rexxissjoni tal-kuntratt eżistenti bejn il-partijiet. Li kieku kien hekk, l-azzjoni attriċi lanqas kienet tkun valida fit-termini li ġiet proposta in kwantu li l-attur kien ikun qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq ir-relazzjoni kuntrattwali eżistenti bejn il-partijiet u fl-istess nifs jippremetti li l-istess kuntratt m'huwiex validu għaliex il-kunsens tiegħu kien vizjat.

"Minkejja li l-attur qiegħed jitlob dikjarazzjoni li l-kunsens tiegħu sabiex jiġu investiti flusu fl-investiment in kwistjoni kien vizzjat, dak li qiegħed jallega l-attur huwa li l-kunsens tiegħu kien vvizjat konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali tas-soċjetà konvenuta u li minħabba f'hekk huwa sofra d-danni konsistenti fit-telf tal-investiment tiegħu. Madanakollu, m'huwiex qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt in kwistjoni.

"L-azzjoni tal-lum hija ppernjata fuq l-inadempjenza kuntrattwali li allegatament wasslet sabiex l-attur jiffirma dokument u jawtorizza l-investiment in kwistjoni. Huwa qiegħed jitlob likwidazzjoni ta' danni minħabba f'hekk, u mhux restituzzjoni konswegwenza ta' rexxissjoni tal-kuntratt. Fil-fatt, m'huwiex qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt konsegwenza tal-vizzju fil-kunsens tiegħu iżda jikkontendi li l-vizzju fil-kunsens huwa konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali. Huwa veru li fil-prospett anness mar-rikors ġuramentat tiegħu jsemmi li qiegħed jitlob restituzzjoni tal-investiment tiegħu, iżda l-Qorti tifhem li dan qiegħed isir a tenur tal-artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar id-danni f'każ ta' inadempjenza kuntrattwali u mhux l-artikolu 1209 li jipprovdi li riżultat tar-rexxissjoni l-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li kienu qabel il-ftehim.

"Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta wkoll qiegħda tiġi miċħuda."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civil ital-1 ta' Gunju 2017 fl-intier taghha, filwaqt li tilqa' l-appell tas-socjeta` appellanta u tghaddi biex tichad it-talbiet tal-atturi kif dedotti u tilqa' l-ewwel tlett eccezzjonijiet tas-socjeta` appellanta.

"Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata."

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li l-appell tas-socjeta` appellanti ghandu jigi michud u d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija gusta u ghandha tigi konfermata fl-intier taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellanti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur jallega li meta investa assi f'socjeta` finanzjarja estera fuq parir tas-socjeta` konvenuta, huwa sofra danni peress illi l-investiment mar hazin. Huwa jaghti tort ghal dan lis-socjeta` konvenuta li ma spjegatlux b'mod car u li jiftiehem il-kumplessita` tal-investiment u r-riskju li kien qed jiehu, b'mod li bhala "*retail*" investitur sofra danni bi ksur da parti tas-socjeta` konvenuta tal-obbligi fiducjarji taghha. Is-socjeta` konvenuta tichad dak attribwit lilha, pero`, in linea preliminari ressqet tliet eccezzjonijiet fis-sens (i) li r-rikors guramentat huwa null ghax konfuzjonarju u ma jfissirx car u sewwa l-oggett tal-kawza skont kif mehtieg a tenur tal-artikolu 156(1)(a) u (b) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta); (ii) li l-azzjoni in kwantu

bazata fuq responsabbilta` extra-kuntrattwali hija preskritta a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, u (iii) li in kwantu l-azzjoni hija bazata wkoll fuq vizzju tal-kunsens, din hija preskritta a tenur tal-artikolu 1222 tal-istess Kodici Civili.

L-ewwel Qorti cahdet dawn l-eccezzjonijiet fis-sens li qablet li r-rikors guramentat kien mhux kif trid il-ligi, pero` ma iddikjaratx l-istess null, izda ordnat is-sostituzzjoni tieghu, u cahdet l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni peress li qieset li l-azzjoni attrici hija bazata mhux fuq htija akwiljana, izda fuq relazzjoni kuntrattwali u n-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li twettaq l-obbligi taghha skond il-hila u s-sengha.

Is-socjeta` konvenuta appellat mis-sentenza u baqghet issostni l-ilmenti taghha. Tghid illi darba li sabet li r-rikors promotur ma kienx skond il-ligi, l-ewwel Qorti kellha tiddikjarah null u mhux tordna s-sostituzzjoni tieghu. Tghid ukoll illi l-azzjoni kif inhi hija wahda extra-kuntrattwali, hlief li hemm talba specifika li tirreferi ghall-vizzju ta' kunsens li timplika l-ezistenza ta' xi kuntratt.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda' biex tghid li r-rikors promotur f'din il-kawza huwa ezempju car ta' kif l-istess rikors m'ghandux isir. Mhux biss huwa rikors "*long winded*", izda fih kummenti, riferenzi u kwotazzjonijiet li ma kinux f'posthom f'rikors promotur. Rikors promotur

ghandu jkun qasir u jispjega l-ilment tal-attur fi ftit kliem diretti lejn dak il-ghan; id-dettalji u r-riferenzi, se mai, jiddahhlu f'nota ta' osservazzjonijiet jew jigu esposti waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Nonostante dan, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li ma ghandhiex tiddikjara l-istess rikors promotur null. Din il-Qorti tara li l-gurisprudenza lokali tghid li tali dokument jitqies null biss ghal ragunijiet gravi, u mhux meta, bhal f'dan il-kaz, il-persuna konvenuta setghet tifhem l-intenzjoni tal-attur u l-hsieb wara l-kawza.

Huwa dmir tal-Qorti biex kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Vella v. Cefai" deciza fl-4 ta' Novembru, 1991, meta jkun hemm nuqqasijiet procedurali li ma humiex ta' natura radikali u serja, l-Qorti ghandha s-setgha skond li ligi li taghti dawk l-ordnijiet u direttivi li jidhrilha xieraq biex tassikura li dak li ghandu x'jaqsam mal-procedura jigi mhares kif imiss. Hekk ukoll, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet "Sam Investments Lts vs. Scifo Diamantino" deciza fit-30 ta' Mejju, 2017, osservat illi l-hsieb tal-legislatur huma li nullitajiet procedurali ma jigux dekretati jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi.

Ma jirrizultax, f’dan il-kaz, li s-socjeta` konvenuta ma tistax tiddefendi ruhha fuq ir-rikors promotur kif formulat, u din zgur fehmet ir-raguni tat-talbiet attrici, u dan kif jidher car mill-eccezzjonijiet li ressqet, kemm ta’ natura preliminari w anke fil-meritu.

Din il-Qorti tara wkoll li l-ewwel Qorti ghamlet sew li ordnat li jitressaq rikors li jkun aktar konformi mal-ligi, biex b’hekk l-atti kienu stradati ahjar u dak li jkun jifhem malajr (u mhux wara sforz mentali esagerat!) l-iskop wara l-azzjoni attrici.  Tara wkoll li ghandha tipprovdi dwar il-kap tal-ispejjez marbuta ma’ din id-decizjoni peress li parti minnha hija rizultat ta’ nuqqas tal-attur (jew ahjar, tal-avukat tieghu li messu jaf ahjar).

Fil-kuntest tal-aggravju marbut mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ sentejn a tenur tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, din il-Qorti taqbel ma’ dak deciz mill-ewwel Qorti li din il-kawza ma hijiex wahda *aquiliana*.  Hu car li l-azzjoni attrici hija bazata fuq kuntratt u ksur tal-istess daparti tas-socjeta` konvenuta.  L-attur avvicina lis-socjeta` konvenuta biex jiehu parir dwar kif jinvesti flusu bi qligh ghalih, u hekk kif is-socjeta` konvenuta accettat li taqdi lill-attur u toffrilu s-servizzi professjonali taghha, hija dahlet f’relazzjoni kuntrattwali mal-attur, b’obbligu li ssegwi d-dmirijiet legali u fiducjarji imposti fuqha u li jemergu mill-kuntratt ta’ din ix-xorta.  Dak li qed ikun allegat huwa inadempjenza ta’ obbligazzjoni, u allura il-preskrizzjoni tal-azzjoni ma hijiex dik ta’ sentejn imsemmija fl-

artikolu 2153 (ara "Naudi v. Zammit", deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu, 1925) (Kollez. Vol. XXVI.i.54). Dak li qed jigi allegat li sehh mhux indipendenti u awtonomu mir-rapport kontrattwali li inholoq bejn il-partijiet, u t-talba ghad-danni hija meqjusa mhux biss meta jkun hemm agir delitjuz, izda anke u aktar meta jigi allegat agir bi ksur ta' kuntratt.

Ikkonsidrat issa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kodici Civili, din il-Qorti tqis li anke dan l-artikolu mhux applikabbli ghall-kaz. L-attur ma talabx ir-rexxissjoni tal-kuntratt li kellu mas-socjeta` konvenuta, u l-fatt li jallega li gie ingannat u gie indott fi zball, ma jfissirx li l-azzjoni hija wahda intiza ghar-rexxissjoni tal-kuntratt. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti, l-attur ma huwiex qieghed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt konsegwenza tal-vizzju fil-kunsens tieghu, izda jikkontendi li l-vizzju tal-kunsens huwa konsegwenza tal-inadempjenza kuntrattwali da parti tas-socjeta` konvenuta. Il-bazi tal-azzjoni hija din l-allegata inadempjenza kuntrattwali, u ghalkemm dan jista' jkun rizultat ta' ingann da parti tas-socjeta` konvenuta, l-attur mhux qed jitlob li l-kuntratt konsegwenzjali jigi rexxiss, izda li jigi kkumpensat ghat-telf li garrab. Huwa fuq l-azzjoni hekk kif proposta mill-attur li l-Qorti trid taghti l-gudizzju taghha, u mhux fuq x'azzjoni seta' jew messu ressaq l-attur.

Kull min jagixxi in malafede, kif qed jallega wkoll l-attur, jirrispondi ghad-danni, u l-fatt li effett ta' dak il-mala fede wassal ghall-vizzju tal-kunsens,

ma jaghmilx l-azzjoni wahda ta' rexxissjoni, izda tibqa' wahda ghall-konsegwenzjali danni. Fuq kollox, l-artikolu 1125 tal-Kodici Civili jghid li "kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni",(ara bhala rifless fuq dan is-sentenza ta' din il-Qorti tal-10 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet "Galleria Management Ltd v. Derby International Ltd").

Wara kollox, mhux eskluz li l-vizzji tal-kunsens jistghu jwasslu wkoll ghal responsabbilta` ta' danni. Il-gurista Taljan, Vincenzo Roppo fil-ktieb tieghu "*Trattato di Diritto Privato – Il Contratto*" jispjega l-punt b'mod car meta jghid dan:

> "Il dolo-ingano da` luogo a un *vizio della volonta`*: come tale espone il contratto al rimedio dell'**annullamento** (art.1439). Al tempo stesso e` un *illecito* (precontrattuale): come tale, da` alla vittima il rimedio del **risarcimento** del danno. I due rimedi possono operare *in via cumulativa oppure in via alternativa, a scelta della vittima*: questa puo` chiedere l'annullamento del contratto, con (o senza) il risarcimento; oppure rinunciare all`annullamento del contratto pur annullabile, e limitarsi a chiedere il risarcimento". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Isegwi, li meta l-attur, f'din il-kawza, qed jallega li gie ingannat bl-agir tas-socjeta` konvenuta, u dan qabel il-holqien tal-kuntratt, dak l-agir jista' jwassal ghall-konsegwenzi dannuzi, u l-vittma li jitlob dawk id-danni ma jkunx qed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt, bir-rizultat li l-preskrizzjoni ghar-rexxissjoni ma tkunx applikabbli ghall-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-raguijiet premessi, tiddisponi mill-appell tas-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fil-meritu.

L-ispejjez kollha marbuta ma' din is-sentenza, inkluzi dawk in prim'istanza, jithallsu nofs mill-attur u nofs mis-socjeta` konvenuta.

L-atti qed jigu rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr/mb